**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Jessica Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 446/15**

**Illum, 25 ta' April, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra Jessica Vella detentrici tal-karta tal-identita` numru 381488M:

Akkuzata talli fix-xhur ta' April u Mejju 2015, min gewwa fond nru 275 'Gardenia' sitwata fi Triq ir-Rattan, fil-Mellieha.

B'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' flus u gojjelli u dan ghad-detriment ta' Mario Vella, Giuseppina Vella u Erica Vella, liema serq huwa ikwalifikat bil-bil-mezz, valur u bil-lok u dan bi ksur tal-*Artikoli 18, 263, 267, 279(b) u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta htija tikkunsidra lil-Jessica Vella bhala recidiva ai termini tal-*Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 18, 263, 267, 279(b), 269, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti nnutat li l-imputata kkonfermat l-ammissjoni taghha minnha registrata wara li l-Qorti tatha zmien tahseb fuq l-istess u fehmitha l-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha.

Stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputata **Jessica Vella** hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha u a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin u kif ukoll liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptata r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**-----------------------------------------**
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**